**Dispożittiv**

(1) *Id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix liġi ta' Stat Membru li tippermetti lill-awtorità amministrattiva tipprojbixxi lil ċittadin ta' dan l-Istat milli jitlaq minnu minħabba li dejn fiskali tal-kumpannija li huwa wieħed mid-diretturi tagħha ma tħallasx, bil-kundizzjoni doppja, madankollu, li l-miżura inkwistjoni kienet intiża sabiex tikkumbatti, f'ċerti ċirkustanzi eċċezzjonali li jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari min-natura jew mill-ammont ta' dan id-dejn, theddida ġenwina, attwali u serja biżżejjed li għandha impatt fuq interess fundamentali tas-soċjetà u li dan l-għan li jrid jiġi milħuq ma huwiex biss intiż għal skopijiet ekonomiċi. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika li din il-kundizzjoni doppja hija sodisfatta.*

(2) *Anki fuq il-preżunzjoni li l-miżura ta' projbizzjoni ta' ħruġ mit-territorju, bħal dik li tikkonċerna lil P. Aladzhov fil-kawża prinċipali, kienet ġiet adottata b'osservanza għar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, dawk li huma previsti fl-Artikolu 27(2) jipprekludu tali miżura,*

— *jekk hija bbażata biss fuq l-eżistenza tad-dejn fiskali tal-kumpannija li r-rikorrent huwa wieħed mid-diretturi tagħha, u minħabba din il-kwalità biss, bl-esklużjoni ta' kull evalwazzjoni speċifika tal-aġir personali tal-persuna kkonċernata u mingħajr ebda riferiment għal xi theddid li dan jikkostitwixxi għall-ordni pubbliku, u*

— *jekk il-projbizzjoni ta' ħruġ mit-territorju ma hijiex adatta sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan li hija trid tilħaq u teċċedi dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq.*

*Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk dan huwiex il-każ fil-kawża li tressqet quddiemha.*

---

([1]) ĠU C 317, 20.11.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-17 ta' Novembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Centrale Raad van Beroep — il-Pajjiżi l-Baxxi) — J.C. van Ardennen vs Raad van bestuur van het Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen**

**(Kawża C-435/10)** ([1])

***(Direttiva 80/987/KEE — Protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' insolvenza ta' min iħaddem — Kumpens għal insolvenza — Ħlas suġġett għall-kundizzjoni ta' reġistrazzjoni bħala persuna li qed tfittex impjieg)***

(2012/C 25/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Centrale Raad van Beroep

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* J.C. van Ardennen

*Konvenut:* Raad van bestuur van het Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Centrale Raad van Beroep — Interpretazzjoni tal-Artikoli 4, 5 u 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar it-taqrib tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-impjegati f'każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1 p. 217), kif emendata bid-Direttiva 2002/74/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4 p. 261) — Portata tal-garanzija mogħtija mill-istituzzjoni ta' garanzija — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-ħaddiema jirreġistraw ruħhom b'mod immedjat, qabel ma jitolbu l-ħlas ta' krediti ta' paga mhux imħallsa, bħala persuni li qegħdin ifittxu impjieg

**Dispożittiv**

*L-Artikoli 3 u 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 80/987/KEE, tal-20 ta' Ottubru 1980, dwar il-protezzjoni tal-impjegati fil-każ tal-insolvenza ta' min iħaddimhom, kif emendata bid-Direttiva 2002/74/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Settembru 2002, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta l-possibbiltà, għall-ħaddiema li min iħaddimhom huwa insolventi, li d-dritt sħiħ tagħhom għall-ħlas ta' krediti ta' paga mhux imħallsa, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ikun suġġett għall-obbligu ta' reġistrazzjoni bħala persuna li qed tfittex impjieg.*

---

([1]) ĠU C 317, 20.11.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Novembru 2011 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzhof — il-Ġermanja) — Finanzamt Lüdenscheid vs Christel Schriever**

**(Kawża C-444/10)** ([1])

***(VAT — Sitt Direttiva — Artikolu 5(8) — Kunċett ta' "trasferiment tal-assi kollha jew parti minnhom" — Trasferiment tal-proprjetà ta' stokk ta' merkanzija u ta' tagħmir kummerċjali fl-istess ħin mal-kiri tal-bini kummerċjali)***

(2012/C 25/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Finanzamt Lüdenscheid

*Konvenuti:* Christel Schriever